# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**Illum, 21 ta' Frar, 2001.**

**Kawza Nru. 1.**
**Citazz. Nru. 1346/00 JRM**

**Dr. Victor SULTANA M.D., F.R.C.S.**

**vs**

**Il-PRIM MINISTRU**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-Citazzjoni tat-28 ta' Gunju, 2000, li bih l-attur ipremetta:

Illi l-konvenut, bhala Prim Ministru, ghandu r-responsabbilita' dwar l-ingagg, il-promozzjoni, u t-tmexxija tas-servizz pubbliku, u dan skond l-Artiklu 110 tal-Kostituzzjoni;

Illi l-attur applika ghall-avviz fejn kien hemm sejha ghall-applikazzjonijiet ghal Consultant General Surgeon with interest in Vascular Surgery, u skond l-istess avviz, mahrug fit-termini tal-

istess artiklu 110 tal-Kostituzzjoni, kellu jkun hemm certi kundizzjonijiet dwar min seta' japplika u jista' jintaghzel ghall-istess post fis-servizz pubbliku;

Illi l-attur kien l-uniku wiehed li applika u li jissodisfa l-provvedimenti tal-paragrafu 6© tal-Avviz;

Illi minkejja dak kollu li tipprovdi l-Kostituzzjoni u l-avviz mahrug ghall-sejha ghall-applikazzjonijiet, thallew joqghodu applikanti u fil-fatt intaghzel persuna li ma kellux il-kwalifiki skond l-avviz mahrug; u precipwament kien hemm nuqqas ta' tharis ta' dak li kien hemm stipulat fil-paragrafu 6© tal-Avviz ghall-sejha ta' applikazzjonijiet tad-19 ta' Jannar, 1999 (Dokument AV);

Illi meta nhatar il-Bord biex jezamina l-applikanti kien hemm ukoll ksur tar-regoli maghrufa bhala Estacode, li jirregolaw is-servizz civili u kif ghandhom isiru l-ghazliet, u dan kif jigu pruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-attur immedjatament gibed l-attenzjoni tal-Prim Ministru u tal-awtoritajiet l-ohra ghal dawn il-fatti;

Illi minkejja anke talba biex ikun hemm mandat ta' inibizzjoni u protest l-konvenut ma biddel xejn mid-decizjoni tieghu, anzi wettaqha;

Illi ghalhekk l-agir tal-konvenut huwa kontra l-artiklu 110 tal-Kostituzzjoni, u precipwament fis-subartiklu (6) tieghu;

Ghalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex tiddikjara:

1. Illi, ghar-ragunijiet premessi, l-konvenut agixxa in vjolazzjoni u kiser il-provvediment tal-Artiklu 110 tal-Kostituzzjoni fil-hatra tal-Consultant in General Surgery with Interest in Vascular Surgery, u dan peress li ma mexiex skond l-avviz ghas-sejha tal-applikazzjonijiet mahrug fid-19 ta' Jannar 1999, ghal tali skop, kif tipprovdi l-istess Kostituzzjoni;

2. Konsegwentement tiddikjara li l-hatra hija nulla u bla effett u li ghal dik is-sejha ghall-hatra ma kienx hemm hlief applikazzjoni wahda valida tal-attur;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tal-konvenut;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u l-lista tax-xiehda tal-attur, flimkien mad-Dokument mehmuz maghha;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut tal-31 t'Awissu, 2000, li biha huwa ecepixxa:

1. Illi l-esponent m'huwiex il-legittimu kontradittur ghall-azzjoni u ghandu jigi liberat mit-talbiet stante li huwa la hareg is-sejha ghall-applikazzjonijiet imsemmija fic-citazzjoni, la kellu l-mansjoni li jinterpretaha, u lanqas ikkonduca l-ezami in segwitu ghal dik is-sejha. Illi l-imsemmija sejha ghall-applikazzjonijiet fil-fatt inharrget, giet interpretata u ipprocessata skond l-istess Kostituzzjoni mill-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku u m'hux mill-esponent li lanqas ma jista juzurpa l-funzjonijiet Kostituzzjonali tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku u jipprocessa hu sejhiet ghall-applikazzjonijiet dwar karigi fis-servizz pubbliku bhal dik in kiwstjoni;

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess illi l-azzjoni hija mankanti minn fondament Kostituzzjonali, u anzi tmur espressament kontra dak li huwa stipulat fl-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni billi hija diretta sabiex tissindaka interpretazzjoni ta' sejha ghall-applikazzjonijiet maghmula mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku meta l-agir tal-Kummissjoni f'materja bhal din m'huwiex sindakabbli;

3 Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-attur m'ghandhux interess guridiku biex jakkampa l-azzjoni odjerna billi l-interpretazzjoni tas-sejha ghall-applikazzjonijiet ma kienitx wahda li impedietu milli joqghod ghall-ezami li sar in segwitu ghal dik is-sejha u, wisq izjed, billi l-attur kien wehel mill-ezami li sar in segwitu ghal dik is-sejha u ghalhekk qatt ma seta' jigi rakkomandat ghall-kariga in kwistjoni lanqas kieku kien l-uniku applikant;

4 Subordinatament u minghajr pregudizzju ghal-premess, illi ma sar xejn skorrett jew illegali fl-interpretazzjoni tas-sejha ghall-applikazzjonijiet maghmula mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u fil-process ta' ghazla u tal-hatra imsemmija fic-citazzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u l-lista tax-xiehda tal-konvenut;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut;

Rat id-Degriet taghha tat-18 ta' Jannar, 2001, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghad-decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut;

## *Ikkunsidrat:*

Illi bl-ewwel eccezzjoni tieghu, l-konvenut qieghed jghid li m'huwiex il-legittimu kontradittur tal-azzjoni tal-attur minhabba li ma kienx hu li hareg is-sejha ghall-applikazzjonijiet; la kellu s-setgha li jinterpreta tali sejha; u lanqas mexxa l-ezami li sar b'risultat ta' dik is-sejha. Kienet il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li harget l-imsemmija sejha, li kellha s-setgha tinterpretaha u li, fil-fatt, mexxiet l-ezami li sar b'rihet dik is-sejha;

Illi l-konvenut zied jghid li l-ligi ma taghtihx il-jedd li jiehu f'idejh is-setghat moghtija minnha mill-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku u li jwettaq huwa nnifsu l-process ghas-sejhiet ghall-applikazzjoni dwar karigi fis-servizz pubbliku bhal dik in kwestjoni;

Il-qofol kollu ta' dik l-eccezzjoni huwa li l-attur, jekk seta', messu mexxa l-ilment tieghu fil-konfront tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku, li kienet hi li nediet is-sejha ghall-applikazzjonijiet kif jidher fl-intestatura tal-avviz relattiv fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tad-19 ta' Jannar, 1999 [Dok "AV"];

Illi l-Qorti qeghda tifli din l-eccezzjoni preliminari fid-dawl ta' kif inhija mfassla, u fil-limiti stretti li fuqhom hija msejsa, u jigifieri jekk il-konvenut Prim Ministru huwiex il-persuna xierqa li ghandha titharrek fuq talba bhal dik maghmla mill-attur. Bl-ebda mod din il-Qorti m'hija qeghda, jew ghandha l-hsieb f'dan l-istadju tal-kawza li tittanta, tidhol f'indagni dwar il-kwestjoni tas-sindakabilita' tal-Qrati fit-twettieq tal-esercizzju tas-sejha ghall-applikazzjonijiet, kif jidher li ried ifisser l-abbli konsulent tal-konvenut waqt it-trattazzjoni orali tieghu;

Illi jrid jigi mfisser ukoll li, sa dan l-istadju, ma tressqu l-ebda provi dwar is-sehem fattwali tal-konvenut (jew sahansitra ta' xi persuna ohra) fil-process tal-ghazla li dwaru qieghed jilmenta l-attur; il-Qorti, ghalhekk, fl-esercizzju tad-determinazzjoni taghha dwar il-validita' tal-eccezzjoni presenti, qeghda tistrieh ghal kollox fuq dak li jidher mill-atti tal-kawza u minn dak li tipprovdi l-ligi;

Illi, kif sewwa jghid l-attur fl-ewwel premessa tieghu, is-setgha, fost l-ohrajn, li jsiru hatriet ghall-karigi ufficjali hija vestita fil-Prim Ministru li, minbarra dan, fit-twettieq ta' din is-setgha ghandu wkoll il-jedd li jiddelega tali setgha bil-miktub lil haddiehor. Dan tghidu l-oghla ligi tal-pajjiz, il-Kostituzzjoni, fl-artikolu 110 (1), li ghandu jinqara u jinftiehem flimkien ma' dak li jipprovdi l-artikolu 124 taghha [ara sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Kostituzzjonali) tat-**13 t'Awissu, 1965** fil-kawza fl-ismijiet Torpiano *et nomine* vs Borg Olivier *nomine*];

Illi filwaqt li huwa minnu li l-artikolu 110 jghid li l-Prim Ministru, fit-twettieq ta' din is-setgha li jahtar jew li jtemm il-hatra ta' ufficjal pubbliku jew li jesercita dixxiplina fuq ufficjal pubbliku, ghandu jagixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, huwa daqstant minnu li d-decizjoni ahharija tibqa' tieghu, u fil-ligi titqies li hija l-fehma tieghu ukoll jekk tkun taqbel mija fil-mija mar-rakkomandazzjoni li tkun saritlu. Li kieku wiehed jirraguna mod iehor, ikun qieghed jghid li l-Prim Ministru, fil-qadi tal-funzjonijiet tieghu taht il-Kostituzzjoni, ikun semplicement figura irrilevanti f'decizjoni fondamentali mehuda minn haddiehor. Din zgur ma kinitx il-fehma ta'min fassal il-Kostituzjoni;

B'zieda ma' dan, jinghad ukoll li l-artikolu 86 innifsu, partikolarment, is-sub-inciz (2) tieghu, juri li l-Prim Ministru mhux marbut li jaqdi xi funzjoni partikolari moghtija lilu bil-Kostituzzjoni skond il-parir li tkun taghtu dik il-persuna jew dik l-awtorita';

Illi jidher xieraq li jinghad ukoll li s-setgha moghtija lill-Prim Ministru fl-artikolu 110 (1) tal-Kostituzzjoni hija wahda vestita fih wahdu, u mhux maqsuma ma' xi persuna jew awtorita' ohra taht l-istess Kostituzzjoni. Jekk jaghzel li jiddelega tali funzjoni kif imfisser fil-*proviso* ta' dak l-artikolu, din l-ghazla xorta tohrog mill-ambitu tas-setgha vestita fih;

Illi fit-trattazzjoni tal-eccezzjoni, il-konsulent tal-konvenut jishaq li, f'din il-ghamla ta' esercizzju ta' setgha (jigifieri dik li jevalwa l-eligibilita' ta' persuna ghall-hatra ta' ufficjal pubbliku wara konkors), il-Prim Ministru ma jistax ma jagixxix fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Izid jghid li, lanqas jekk irid, ma jista' jinjora dik ir-rakkomandazzjoni. Min-naha tieghu, il-konsulent tal-attur issottometta li ladarba l-Kostituzzjoni halliet is-setgha ghall-hatriet ta' ufficjali pubblici f'idejn il-Prim Ministru, ma jista' qatt jinza' mir-responsabbilita' marbuta ma' dik is-setgha, ukoll jekk jagixxi fuq ir-rakkomandazzjoni ta' xi awtorita' jew terza persuna;

Il-Qorti hasbet sewwa fuq is-sottomissjonijiet imressqa mill-artijiet u, fid-dawl ta' dak li tiprovdi l-Kostituzzjoni, issib li ukoll kieku wiehed kellu jikkonsidra r-rwol ewlieni li seta' kellha l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fl-esercizzju li minnu qieghed jilmenta l-attur, din l-azzjoni, kif formulata, ma setghetx ma tkunx indirizzata lejn dik il-persuna li, bil-ligi, hija moghtija s-setgha wahdanija li effettivament twettaq il-hatra li l-attur presenti jidhirlu li jisthoqqlu jinghata;

Ghalhekk, din il-Qorti ssib li **l-ewwel eccezzjoni mtella' mill-konvenut m'hijiex imsejsa kif jixraq u qeghda tichadha**, billi tiddikjara li l-Prim Ministru huwa l-legittimu kontradittur tat-talbiet tal-attur u ghandu jibqa' fil-gudizzju, u li l-kawza tissokta kontrih;

L-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu biex jigu determinati mad-decizjoni finali.

*21 ta' Frar, 2001.*

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**21 ta' Frar, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**21 ta' Frar, 2001.**